# FRAK TA' STORJA FL-GĦARB
## *1860 -1899*

**Winston L. Zammit** B.A. (Hons.) P.G.C.E., M.A.

**Il-Popolazzjoni**

Fl-1851, l-Għarb kellu popolazzjoni ta' 1411 (674- irġiel; 737 nisa) (1). Sa għaxar snin wara 1861, il-popolazzjoni kienet telgħet għal 1449 (2).

Skont iċ-Ċensiment li sar fit-3 ta' Mejju, 1871, l-Għarb kellu popolazzjoni ta' 1552 ruħ ( 745-irġiel; 807-nisa) li skont l-istess Ċensiment kienu joqogħdu f'dawn it-toroq:

| Triq | Total | Irġiel | Nisa |
|---|---|---|---|
| | | | |
| San Lawrenz | 132 | 64 | 68 |
| Rocon | 64 | 28 | 36 |
| Wileġ | 78 | 41 | 37 |
| Wied Merill | 72 | 31 | 41 |
| Ciangura u Fungus | 52 | 30 | 22 |
| Torre | 35 | 16 | 19 |
| Via Casal Garbo | 64 | 30 | 34 |
| Strada San Pietro | 141 | 64 | 77 |
| Tat-Trux | 190 | 95 | 95 |
| Minġur | 20 | 9 | 11 |
| Tal-Virtu | 35 | 18 | 17 |
| Birbuba | 149 | 69 | 80 |
| Blata | 186 | 98 | 88 |
| Chiesa | 105 | 50 | 55 |
| Sdieri | 50 | 19 | 31 |
| Nuova and Pinu | 29 | 11 | 18 |
| Via Għammar | 148 | 70 | 78 |
| Internal Police Force | 2 | 2 | 0 |
| | 1552 | 745 | 807 (3) |

Sa għaxar snin wara (1881), il-popolazzjoni tal-Għarb kienet telgħet għal 1630. Sal-1891, il-popolazzjoni tal-Għarb kienet niżlet b'wieħed għal 1629. Iżda, biex San Lawrenz sar parroċċa għalih fl-1893, u b'hekk inqata mill-Għarb, il-popolazzjoni tal-Għarb fl-1901 niżlet għal 1091 (4).

**Servizzi tal-Gvern**

Matul dan il-perijodu l-Għarb kellu tliet servizzi tal-Gvern li kienu : Il-Korp tal-Pulizija, l-Iskola Primarja tal-Gvern (5) u t-tabib tal-Gvern.

Dwar il-Korp tal-Pulizija, minn rapport dwar il-Korp tal-Pulizija bid-data tat-3 ta' Frar 1860, nafu li fl-Għarb kien hemm stazzjonati żewġ pulizija li kienu 1 (1st Class Constable) u 1 (2nd Class Constable) (6). Miċ-Ċensiment li sar fit-3 ta' Mejju 1871, nafu li n-numru ta' pulizija stazzjonati kien għadu l-istess, jiġifieri, ta' tnejn (7).

Is-Servizz tat-Tabib tal-Gvern fl-irħula ta' Għawdex jaf il-bidu tiegħu fl-1848, meta l-Gvern ħatar żewġ tobba għal dan il-għan (8). B'effett mill-1 ta' Diċembru 1859, Dr Edoardo Sammut inħatar bħala Tabib tal-Gvern għar-Rabat u l-irħula tal-Għarb, Żebbug, Sannat u Xewkija (9).

In-nies tal-Għarb xtaqu li għas-servizz tagħhom ikollhom tabib li jkollu anqas irħula x'jieħu ħsieb. Għal daqs tant, fl-1871, il-Kan. Arċipriet tal-Għarb, Dun F.S. Debrincat, il-Kantur tal-Katidral Kan. Dun Ġużepp Agius u nies oħra mill-Għarb, fit-18 ta' Settembru 1871 bagħtu talba lill-Gvern biex jinħatar tabib għall-irħula tal-Għarb u ż-Żebbuġ f'Għawdex. B'risposta għal din it-talba, nhar it-3 ta' Ottubru 1871, l-Aġent Segretarju Prinċipali tal-Gvern, R.C. Leigh, kiteb hekk f'isem il-Gvern lill-Arċipriet Debrincat u lil dawk li għamlu t-talba:

"Gentlemen, I am directed by the Officer Administering the Government to acknowledge the receipt of your application of the 18th ultimo, on the subject of the appointment of a Police Physician, for Casals Garbo and Żebbuġ in Gozo and to acquaint in reply that the Officer Administering the Government regards taht he is unable to entertain your request" (10).

F'Diċembru 1877, Dr Edoardo Sammut M.D. li issa kellu 69 sena, u li kien ilu mas-servizz tal-Gvern mill-1 ta' Jannar 1849 talab li jirtira mis-servizz "having declared himself unfit for further service", u t-talba tiegħu ġiet milqugħa (11). Minfloku b'effett mis-16 ta' Frar 1878, il-Gvern ħatar lit-tabib Dr Giuseppe Debono M.D. "to be dispenser and Police Physician for Rabato, Garbo, Żebbuġ and Sannat at Gozo"(12). Dr. Debono kien għadu qed jaqdi lin-nies tal-Għarb u tal-irħula l-oħra fl-1902 (13).

**Servizzi Privati**
Minn petizzjoni li għamlet fl-10 ta' Settembru, 1860, nafu li Grazzja Spiteri, kienet qiegħda tagħti s-servizzi tagħha bħala qabla (Midwife) fl-irħula tal-Għarb u ż-Żebbuġ u l-postijiet adjaċenti (14).

Fir-raħal tal-Għarb, bħal bqija tal-irħula ta' Għawdex, kien hemm ħwienet fejn kienu jinbiegħu l-inbid u l-ispirti. Fis-Seklu XIX kien hemm id-drawwa li dawn jinżammu magħluqa f'ċerti ġranet, f'ċertu ħinijiet filgħodu u waranofsinhar, waqt li kienu qegħdin isiru l-funzjonijiet fil-Knisja Parrokkjali. Dan kien jiġi rregolat mill-Gvern permezz t'avviż fil-Gazzetta tal-Gvern, kif jidher minn dan l-avviż li deher fil-Gazzetta tal-Gvern tat-28 t'Awwissu, 1868:

"Closure of shops, retail of wine and of liquorous spirits during Divine Service in the Parish Church on Sundays and holidays of" *intero Precetto*

**Gozo In the Morning**

Garbo In May and the following months
To the end of October from 8.30am -10.00am
And in the other months from 9.00am – 10.30am
And in the Afternoon
Garbo In May and the following months to the end of September
From 3.00pm to 5.00pm and the
Other months from 2.30 pm to 4.30pm

Palace. Valletta. 28.VIII.1868 (15)

**Il-Problema tan-nuqqas tal-ilma**
Is-sena 1867 kienet waħda ta' nixfa fil-Gżejjer Maltin (16). Jidher li din il-problema laqtet lir-raħal tal-Għarb tant li l-Kan Dun Feliċ Refalo, li kien Arċipriet tal-Għarb bejn April 1867 u Lulju 1868, fl-24 ta' Lulju 1867 għamel petizzjoni lill-Gvern, li fiha talab provvista tal-ilma għar-raħal tal-Għarb (18). Wara petizzjoni li saret mill-President tal-Kumitat Distrettwali għal Għawdex.

Il-Gvernatur permezz t'ittra bid-data tat-22 t'Ottubru, 1867, stqarr li "His Excellency the Governor has been pleased to sanction the contstrucion of a tank at Casal Garbo" (19).

**Il-Kapitlu tal-Kolleġġjata (1887 – 1899)**
Il-Kapitlu tal-Kolleġġjata tal-Għarb imwaqqaf fl-1774, fl-1887 kien għadu magħmul minn ħames Dinjitajiet, u numru ta' Kanonikati li wieħed minnhom kellu l-Uffiċċju ta' Teologi. Fl-1887, minbarra l-ħames dinjitajiet, il-Kapitlu kellu sitt kanonċi oħra, u kanonku onorarju (20).

Il-Membri tal-Kapitlu tal-Għarb fl-1887, kienu l-Kan F S Debrincat, Arċipriet (21), Kan M Asciak, Prepostu, Kan Pawlu Custo, Kantur, Kan Karlu Galea, Teżorier, Kan Mikiel Micallef, Dekan (22), Kanonċi Mikiel Mizzi (23), Ġiovanni Formosa, Teologu, Franġisku Galea u t-tliet kanonċi li kienu Vincenzo Custo, M.A. Asciak u Ġużeppi Galea. Il-Kanonku Onorarju kien Dun Fakond Galea (24).

Iżda sal-1899, seħħu tibdiliet fil-kompożizzjoni tal-Kapitlu tal-Għarb minħabba mwiet, riżenji u ħatriet ta' kanonċi ġodda.

Fit-18 ta' Ġunju 1890 miet il-Kan. Teologu Dun Ġwann Formosa, fl-età ta' 67 sena. Huwa kien ġie ordnat saċerdot fit-18 ta' Diċembru 1848 (25) u fl-1870 inħatar bħala Kanonku Teologu tal-Kolleġġjata (26). Fl-1 ta' Lulju 1890, Dun Salv Portelli mill-Għarb ġie maħtur bħala Kanonku Teologu tal-Kolleġġjata (27).

Fl-istess sena (1890), il-Kolleġġjata kellha Kanonku ġdid Dun Anton Galea, iben Francesco u Maria nee Zerafa. Imwieled f' Ta' Sannat, fejn ġie mgħammed fl-4 ta' Ottubru 1870 (28). Huwa ġie ordnat saċerdot fil-21 ta' Diċembru 1845 (29). Fid-9 ta' Marzu 1891 miet il-Kanonku Prepostu M.A. Asciak fl-eta ta' 94 sena. Iben Feliċ u Maria, twieled fir-raħal taż-Żebbuġ fejn ġie mgħammed fil-11 ta' Frar 1798. Inħatar Kanonku fl-1812 u Kanonku Prepostu 1842. Wara mewtu sar Kan Prepostu il-Kjeriku Nazju Asciak (30).

Fil-15 ta' Marzu 1893, il-kontrada ta' San Lawrenz saret parroċċa u bħala l-ewwel kappillan wara konkors inħatar il-Kan Teologu Dun Salv Portelli li ħa l-pussess fil-21 ta' Mejju 1893. Minfloku bħala Kononku Teologu nħatar is-suddjaknu Ġużeppi Grech mill-Għasri li ħa l-pussess fl-1 ta' Lulju 1893 (31).

Fl-4 t'April 1894, il-Kan Mikiel Micallef reġa ħa l-pussess ta' Kanonku Dekan tal-Kolleġġjata. Huwa kien inħatar Kanonku fl-1863 meta kien għadu suddjaknu u sar Kanonku Dekan fl-1873. Fl-1892 ħalla d-Dekanat u ħa Kanonikat Sempliċi. Iżda fl-4 t'April, reġà ħa l-pussess ta' Kanonku Dekan (32).

Fit-30 ta' Ġunju 1894, l-ewwel kappillan tal-Parroċċa ta' San Lawrenz, Dun Salv Portelli, ġie mogħti Kanonku Onorarju tal-Kolleġġjata (33).

Fil-15 t'April 1899, miet il-Kanonku Dun Anton Galea fl-età żgħira ta' 28 sena . (34)

**Il-Festa Titulari**

F'din is-sena il-Festa Titulari ġiet iċċelebrata bħas-soltu fit-2 ta' Lulju. Il-funzjonijiet prinċipali jiġifieri il-Primi u Sekondi Vespri u l-quddiesa solenni tal-festa tmexxew mill-Kan. Prepostu Dun Nazju Axiaq, filwaqt li l-purċissjoni tmexxiet mill-Kan Arċipriet Dun F. S. Debrincat. Fl-okkażjoni tal-festa żżanżnu tużell ġdid, kanopew irrakmat, gandlieri tas-sekondi u żewġ gradenzini. Għat-tużell tħabat ħafna l-Kan Teologu Dun Ġużepp Grech. Fil-festa ta' barra kien hemm il-mixegħla u programm mill-banda "Leone". Gazzetta lokali faħħret lill-Kan. Dun Ġużepp Galea (1858 – 1921) "illi jieħu ħsieb li ta' kull sena din il-festa tirnexxi mill-aħjar"(35).

Artiklu lest fid-29.X.2016

**Biblijografija**

1. Census of Malta and Gozo 30.III.1851. Abstract No. 1
2. J. Bezzina "The Development of the Village Unit in Gozo after 1575" p. 78 in "Gozo and its Culture" Editors Lino Brigulio, Joseph Bezzina (Malta 1995)
3. Tagħrif fil-pussess tal-Awtur.
4. J. Bezzina op. Cit. P78, Census of the Maltese Islands taken on 31.III.1901 (Malta 1903) Table VIII
5. Dwar il-ftuħ ta' din l-iskola u l-iżvilupp tagħha fis-snin wara ara W.L. Zammit "Ftit tagħrif fuq it-tagħlim fl-Għarb fis-Seklu 19" *Il-Miżjura,* Nru.3. (2014) pp 25-26
6. A(rkivju) N(azzjonali) M(alta) CS8/01/6 Marchant Vol. 27 No. 3999
7. Census of the Maltese Islands taken on 3.V.1871 p 50
8. A.N.M. CSG/04/21 Letter to Dr Paolo Mifsud 18.XII.1848 p. 304
9. Malta Blue Book 1859 Police, p. 200
10. ANM CSG /04/42 Letter No. 7793, 3.Oct 1871
11. ANM CSG/01/ Straubenzee Vol 97, No. 14.442
12. M(alta) G(ovt) G(azzette) 20.11.1878 p. 43
13. Il Risorgimento 4.IX.1902
14. A.N.M. Petitions Le Marchant Vol. 19 No. 4528
15. M.G.G. 28.VIII.1868 p.212
16. C. P. Price "Malta and the Maltese" p. 126
17. A.N.M CSG/04/39 Letter No. 482, 2-VIII-1867
18. A.N.M. CSG/83/2B Register of Petitions (2.1.1866 – 31.XII.1869). 25.VII.1867 No.331
19. A.N.M. CSG/04/39 No. 882, 22-X-1867
20. Il Compagno per tutti 1887 p. 300
21. Il Compagno per tutti 1887 p 300. Ħa l-pussess ta' Arċipriet tal-Għarb fit-18 ta' Jannar 1869 u baqa' jmexxi din il-parroċċa sakemm miet fis-27 ta' Ġunju, 1913. (Ara L- Inkurunazzjoni tal-Madonna fl-Għarb 1979, p 21)
22. Il Compagno per tutti 1887, p 300
23. Ibid. Matul il-kolera tal-1865, dan il-kanonku kien wieħed minn erba' qassisin li għal perijodu ta' erba' xhur taw l-assistenza lill-morda u moribondi li kienu wkoll jitrasportaw il-katavri fiċ-ċimiterji rispettivi, destinati mill-Gvern għad-difna tagħhom u dan kollu għamluh mingħajr ebda ħlas (Ara A.N.M. Petitions 1866 No. 2388)
24. Il Compagno per tutti p. 300
25. S. Camilleri, Ġrajjiet il-Kolleġġjata tal-Għarb p.27. J. Calleja Ordinazzjonijiet Saċerdotali 1810 – 2000, Malta, 2001 p.23
26. S. Camilleri op. cit. p. 13
27. J. Bezzina, It-twaqqif tal-Parroċċa ta' San Lawrenz 15.III.1893, fil-ktieb San Lawrenz Għawdex Mitt Sena Parroċċa, 1893 – 1993 p. 36
28. Tagħrif mill-Ġuljana Masini ġentilment mogħti lili minn Francesco Pio Attard, Ottubru 2016
29. Ordinazzjonijiet ta' Qassisin Djoċesani Għawdxin (1864 – 2014) p. 15
30. S.Camilleri op.cit. pp 11, 32. D(evot) T(a') M(arija) 1891 p. 12
31. J. Bezzina, op.cit. pp 35,36 u tagħrif fil-pussess tal-awtur
32. D.T.M. 1894, p. 88
33. Ibid. 123
34. S.Camilleri op.cit. p.32 Tagħrif mill-Ġuljana Masini, ġuliana ġentilment mogħti lili minn Francesco Pio Attard, Ottubru 2016
35. Il-Ħabbar Għawdxi 19.VII.1898 p.2. Skont S. Camilleri, op.cit. p.28, Dun Ġużepp Galea kien l-ewwel Prokuratur tal-Festi Esterni tal-Viżitazzjoni



TA' BERTU MALLIA
27, Pjazza l-Assunta,
Żebbuġ – Għawdex
*Mobile:* 9942 6840
*Tel:* 21 561 404 / 21 555 117
21 558 050